MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2005

Avviz Numru. 676/2002

**Avviz numru 676/02 DM**

**Borg Transportation Ltd**
**Vs**
**Calbros Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta’ attrici talbet il-kundanna tas-socjeta’ konvenuta, ghall-hlas tas-somma ta’ erbat elef, hamsa u sebghin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm4,075.19) rappresentanti l-bilanc ta’ prezz dovut fuq ‘barter arrangement’ bejn il-partijiet u dan kif jirrizulta minn prospett mahrug mis-socjeta’ konvenuta fil-31 ta’ Awissu, 2000, (dok BT1) kif ukoll l-imghaxijiet minn tali data sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-3 ta’ April, 2002, u tal-mandat ta Sekwestru pprezentat

kontestwalment ma' l-Avviz, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi:

1. It-talba attrici kif dedotta hija nfondata, ghaliex skont il-'barter agreement' bejn il-partijiet, il-bilanc favur is-socjeta' attrici huwa ta' elfejn, mija, tmienja u hamsin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm2,158.13) kif jirrizulta mill-prospett anness datat 30 ta' Setembru, 2001, immarkat 'Dok. CAL1' u minn ohrajn sussegwenti ;
2. Fi kwalunkwe kaz, a bazi ta' l-istess 'barter agreement', is-socjeta' eccipjenti ghandha jedd thallas lis-socjeta' attrici permezz ta' merkanzija. Ghalhekk l-azzjoni attrici hija ntempestiva.
3. Is-socjeta' eccipjenti m'ghandiex tbati spejjez gudizzjarji ;
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat in-nota ta' riduzzjoni pprezentata fis-7 ta' Mejju, 2003, fejn is-sorte gie ridott ghas-somma ta' tlett elef, erba' mija u tmienja u disghin liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm3,498.49) ;.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti ;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Wara illi s-socjeta' attrici hadet konjizzjoni ta' l-'invoices' indikati fil-verbal tas-seduta tat-13 ta' Marzu, 2003, u wara li l-istess socjeta' attrici rriduciet is-sorte ghas-somma ta' tlett elef, erba' mija u tmienja u disghin liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm3,498.49), il-kwistjoni bejn il-kontendenti irrisolviet ruhha fuq ezami dwar jekk il-konvenuti humiexx intitolati ghal skont ta' ghaxra fil-mija (10%) fuq il-valur ta dak kollu illi huwa kien jiehu minn ghand l-atturi a bazi tal-'barter agreement' bejniethom kif

*del resto* kienu obbligati l-konvenuti stess li jaghmlu u kif huma ghamlu fil-konfront tal-kumpanija attrici, skont id-depozizzjoni ta’ Carmel Gauci.

Evidentement, billi qed issir din l-allegazzjoni mill-konvenuti u dan il-ftehim allegat ma jirrizultax minn xi ftehim espress redatt bil-miktub bejn il-kontendenti, jispetta lil l-kumpanija konvenuta illi ggib provi sufficjenti li jindikaw illi bejn il-kontendenti kien jezisti ftehim vinkolanti illi a bazi tieghu kellhom jaghtu lil xulxin skont ta’ ghaxra fil-mija (10%) fuq il-valur tal-merci li kienu qieghdin jissupplixxu lil xulxin.

Bi prova ta’ l-ezistenza ta’ dan il-ftehim dwar skont ta’ ghaxra fil-mija (10%), il-kumpanija konvenuta pproduciet lil Charles sive Carmel Gauci illi jsosstni li fil-prezenza ta’ David Haber, impjegat ma’ l-atturi, kien sar ftehim fuq l-ghaxra fil-mija (10%) skont fuq il-valuri tal-merci li l-kontendenti kienu ser jissupplixxu lil xulxin., Allega wkoll illi, ghalkemm id-ditta konvenuta kienet mill-ewwel tapplika favur l-atturi l-iskont ta’ ghaxra fil-mija (10%) fuq il-merci li kienet tikkonsenja lill-atturi ghall-iskont li kellu jinghata mill-kumpanija attrici lill-kumpanija konvenuta, dan kien miftehem li jigi applikat u kkalkolat u kellu jinghata meta jinghalqu l-kontijiet.

In sostenn ta’ din l-allegazzjoni l-konvenuti pproducew ukoll bhala xhud lil David Haber illi kien l-‘accountant’ tal-kumpanija attrici fi zmien li sar il-ftehim ta’ ‘barter’ u dan ikkonferma illi kien fehem illi sar xi ftehim ta’ skont bejn il-kontendenti, izda fehem ukoll illi ma kienx sar ftehim fuq ir-rati ta’ skont li kellhom jigu applikati.

L-istess xhud fehem ukoll illi l-kumpanija konvenuta, meta kienet tibghat l-‘istatements’, kienet immedjatament tapplika skont u bbaza din il-konkluzzjoni fuq okkazzjonijiet fejn, wara xi protesta ta’ rapprezentant tal-kumpanija attrici, il-kumpanija konvenuta kienet tirriduci l-prezz indikat fuq l-‘invoices’ li kienet tispedixxi.

Dawn il-provi  wahedhom pero’ma jwasslux ghal xi prova konklussiva ta’ xi ftehim bejn il-kontendenti illi kellhom

jaghtu lil xulxin skont ta’ ghaxra fil-mija (10%). Infatti oltre l-asserzjoni ta’ Charles Gauci ma tirrizulta ebda prova dokumentarja illi s-socjeta’ konvenuta kienet fil-fatt qed tapplika minn-naha taghha xi skont ta’ xi rata fuq il-valur tal-merci li kienet tissupplixxi lill-kumpanija attrici.

Infatti l-‘invoices’ minnhom prodotti ma jaghmlu ebda ndikazzjoni illi l-valuri hemm ndikati huma ridotti b’ammont ta’ ghaxra fil-mija (10%). Kif ukoll jirrizulta illi fil-kotba tal-kumpanija attrici, li kien izomm l-istess David Haber, qatt ma sar xi accenn ghal xi skont illi fil-futur kellu jinghata mill-kumpanija attrici lill-kumpanija konvenuta fuq ‘invoices’ diga’ spediti lill-kumpanija konvenuta.

Inoltre ma tirrizulta ebda spjegazzjoni logika ghaliex bl-allegat ftehim li qed issostnu l-konvenuti kienet biss il-kumpanija konvenuta kellha taghti l-iskont ta’ ghaxra fil-mija (10%) minnufih kif appena tissupplixxi l-materjal, waqt illi l-kumpanija attrici kellha tapplika l-iskont biss fit-terminazzjoni tal-ftehim globali korrenti bejn il-kontendenti.

Ghaldaqstant billi l-prova li oltre l-‘barter agreement’ kien hemm xi ftehim ulterjuri fuq xi skont jispetta lill-kumpanija konvenuta u billi l-kumpanija konvenuta ma waslitx ghall-prova sodisfacenti li kien jezisti tali ftehim, il-Qorti qeghda tirrespingi l-ewwel (1) eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni (2) eccezzjoni, billi jirrizulta anke mid-depozizzjoni stess ta’ Charles Gauci illi l-‘barter agreement’ spicca u ghalhekk kien effettivament qieghed jitlob l-applikazzjoni ta’ l-iskont ta’ l-ghaxra fil-mija (10%), jirrizulta stabbilit illi l-‘barter agreement’ effettivament gie tterminat, u billi fit-terminazzjoni tal-‘barter agreement’ iridu jsiru l-konteggi biex jigi stabbilit il-bilanc li jkun irid jithallas minn parti jew ohra, qieghda tirrespingi t-tieni (2) eccezzjoni ukoll sollevata mill-konvenut.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa’ it-talba attrici, u wara li hadet konjizzjoni tan-nota ta’ riduzzjoni tas-7 ta’ Mejju, 2003, qieghda tikkundanna lill-kumpanija konvenuta sabiex thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta’ tlett elef, erba’ mija, tmiejna u disghin lira Maltin u disgha u erbghin

centezmu (Lm3,498.49) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mit-3 ta' April, 2002.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------